



Dokument ta' sessjoni

16.6.2015

B8-0611/2015

PROPOSTA GĦAL EMENDI GĦAR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 227 tar-Regoli ta' Proċedura

Emenda għall-Artikoli 17 u 204 (Applikazzjoni tal-formula d'Hondt)

Kazimierz Michał Ujazdowski, Morten Messerschmidt

Emenda għall-Artikoli 17 u 204 (Applikazzjoni tal-formula d'Hondt)

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 17, paragrafu 1

Test fis-seħħ

Artikolu 17

Elezzjoni ta' Viċi Presidenti

1. Il-Viċi Presidenti għandhom imbagħad jiġu eletti fuq **karta** tal-vot waħda. Għandhom ikunu dikjarati eletti fl-ewwel votazzjoni dawk illi jgħibu maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, sakemm jimtlew erbatax-il post u fl-ordni skont in-numru ta' voti li jkunu kisbu. Jekk in-numru ta' kandidati eletti jkun inqas min-numru ta' karigi li jridu jimtlew, għandha ssir it-tieni votazzjoni **skont** l-istess kundizzjonijiet sabiex jimtlew il-karigi li jkun fadal. Jekk tkun meħtieġa it-tielet votazzjoni, maġġoranza relattiva għandha tkun biżżejjed għall-elezzjoni fil-karigi li jkun fadal. Fil-każ ta' voti ndaqs, l-aktar kandidati anzjani għandhom ikunu dikjarati eletti.

Emenda

Artikolu 17

Elezzjoni ta' Viċi Presidenti

1. Il-Viċi Presidenti għandhom imbagħad jiġu eletti fuq **polza** tal-vot waħda. **Is-siġġijiet li jimtlew jitqassmu bejn id-diversi gruppi politiċi bl-applikazzjoni tal-formula d'Hondt.** Għandhom ikunu dikjarati eletti fl-ewwel votazzjoni dawk illi jgħibu maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, sakemm jimtlew erbatax-il post u fl-ordni skont in-numru ta' voti li jkunu kisbu. Jekk in-numru ta' kandidati eletti jkun inqas min-numru ta' karigi li jridu jimtlew, għandha ssir it-tieni votazzjoni **skont** l-istess kundizzjonijiet sabiex jimtlew il-karigi li jkun fadal. Jekk tkun meħtieġa it-tielet votazzjoni, maġġoranza relattiva għandha tkun biżżejjed għall-elezzjoni fil-karigi li jkun fadal. Fil-każ ta' voti ndaqs, l-aktar kandidati anzjani għandhom ikunu dikjarati eletti.

Or. fr

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 204, paragrafu 1

Test fis-seħħ

Bureaux tal-kumitati

1. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara l-elezzjoni tal-membri tal-kumitat skont l-

Emenda

Bureaux tal-kumitati

1. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara l-elezzjoni tal-membri tal-kumitat skont l-

Artikolu 199, il-kumitat għandu jeleġġi bureau li jkun jikkonsisti fi president u minn viċi presidenti li għandhom ikunu eletti f'votazzjonijiet separati. In-numru ta' viċi presidenti li għandhom jiġu eletti għandu jiġi determinat mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti.

Artikolu 199, il-kumitat għandu jeleġġi bureau li jkun jikkonsisti minn president u minn viċi presidenti li għandhom ikunu eletti f'votazzjonijiet separati. In-numru ta' viċi presidenti li għandhom jiġu eletti għandu jiġi determinat mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti. ***Tali numru mbagħad jitqassam bejn id-diversi gruppi politiċi bl-applikazzjoni tal-formula d'Hondt.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

La répartition des fonctions au sein de l'institution parlementaire européenne est normalement réalisée selon la formule d'Hondt, qui garantit la juste représentation de l'ensemble des groupes politiques constitués. Jusqu'ici objet d'un Gentlemen Agreement entre les groupes, l'application de la formule d'Hondt ne peut pas, sans violer le principe démocratique, être décidée à géométrie variable : aucun groupe parlementaire régulièrement constitué ne saurait en être exclu. Il est donc proposé de régulariser et systématiser le recours au système d'Hondt pour la désignation des vice-présidents du Parlement, des bureaux des commissions et des délégations.